MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' April, 2010

Appell Civili Numru. 10/2010

**Middlesea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Dolores Caruana**
**u l-istess Dolores Caruana**

**vs**

**Joseph u Maria Dolores *sive* Doreen Falzon f'isem u in rapprezentanza ta' binhom minuri Wayne Falzon**

**Il-Qorti,**

Fit-8 ta' Frar, 2010, l-Arbitru fic-Centru Malti ta' l-Arbitragg ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

> **"**Ir-rikorrenti qed jitolbu l-hlas ta' €654.60 (Lm281.02) danni sofferti minnhom f'incident stradali li sehh fit-2 ta' Gunju 2006 fi Triq ix-Xatt, Marsascala, bejn vetturi JBI018 misjuqa minn Dolores Caruana u vettura LAA813 propjeta ta'

Antoine Camilleri, liema incident sehh bi htija ta’ Wayne Falzon. Bl-ispejjes u bl-imghax.

L-intimati rispondew li mhux responsabbli lejn ir-rikorrenti la darba Wayne Falzon ma ghamel ebda nuqqas fil-konfront tar-rikorrenti u lanqas ma Wayne Falzon kiser xi regolamenti tat-traffiku. L-incident sehh bi htija ta’ Dolores Caruana.

**Provi**

Ir-rikorrenti Antoine Camilleri xehed li kellu l-vettura LAA813 ipparkjata mal-lemin tat-triq dahra lejn il-knisja. Kif kien qed jidhol fil-vettura minn naha tal-bankina sema’ twerzieq ta’ nies u mbaghad hoss ta’ brakes u sema’ daqqa mhux fuq il-vettura tieghu. Immedjatament sema' hoss u hass il-karozza tixxengel bl-impatt. Sema' xi hadd iwerzaq u hares fuq ix-xellug u ra bniedem iqum bilqeghda hdejn il-bieba tal-passiggier tal-vettura tieghu. Kellu d-demm fuq wiccu. L-impatt fuq il-vettura tieghu giet kawzata minn din il-persuna, li kien ragel twil u kbir.

Fil-kontro ezami qal li ma rax l-incident bejn l-intimati. L-ewwel impatt kien qawwi pero l-vettura l-ohra ma kellhiex hsara. Il-hoss tal-brakes kienu ta' *locked brakes.*

Maria Dolores Caruana xehdet illi kienet issuq il-vettura JBI018 fix-Xatt ta' Marsaskala fid-direzzjoni tal-bandli. It-triq hi *one way* b'karozzi jipparkjaw fuq iz-zewg nahat. L-ispazju karregjabbli hu ta' vettura u ftit aktar. Kienet issuq bil-mod u ma kellhix vetturi quddiemha. Tiftakar rat tifel kabbari jaqsmilha mix-xellug vicin hafna tal-vettura u zammet il-brake. Waqfet f’salt. Rat it-tifel fuq il-bonnet taghha n-naha tal-lemin pero ma setghetx tghid kienx hemm impatt mat-tifel. It-tifel qisu qam u ntefa fuq vettura pparkjata fil-genb tal-lemin. L-ewwel darba li ratu kien bejn il-vetturi pparkjati fuq ix-xellug hiereg f’salt lejha b'mod

*clumsy'* u mghaggel. Is-*social worker* li kien mat-tifel qalilha li t-tifel ried jiekol u qasam. Kien gia pprova jaghmilha darb'ohra.

Fil-kontro ezami qalet li meta t-tifel ratu bejn il-karozzi, kien taht il-bankina u kien hemm, dak li wara saret taf li kien is-*social worker,* fuq il-bankina. Meta rat it-tifel bejn il-karozzi fehmet li kien ser jibqa' hiereg u b'hekk zammet il-brake.

Is-*social worker* Paul Pace xehed li kien ilu erba' snin *professional support worker* u kien ilu ftit xhur *support worker* ma' Wayne Falzon. Kien jarah darba jew darbtejn fil-gimgha kemm gewwa bini u anki gieli hargu. Dakinhar tal-incident hareg lil Wayne mixja. Kienu marru lejn San Tumas u gejjin lura waqfu jieklu xi haga mill-Country Style. Dak iz-zmien kien qed jahdem fuq program ma' Wayne biex dan jikkontrolla l-ikel li jiekol minhabba l-kondizzjoni ta' *autism* li kellu t-tifel. Meta kienu l-Country Style, Wayne ried jiekol izjed u hu ma hallihx fuq parir tal-psikologa. Kif xehed, kienu mexjin lura fuq il-bankina man-naha tal-bahar u ghalkemm Wayne kien dizappuntat izda ma kienx ecitat. Hu kien miexi fuq in-naha ta' barra tal-bankina u Wayne fuq in-naha ta' gewwa, b'ballun f'idejh u kien qed jilghab bih. Hin minnhom tefa' l-ballun quddiemu u ta salt biex jaqsam it-triq. Ipprova jzommu izda t-tifel zgiccalu minn warajh u hareg ghal nofs it-triq bil-giri. Lemah karozza fil-vicin u rrealizza li se jsehh l-incident, kif fil-fatt gara. It-tifel kien vicin il-karozza meta qasam u hass li mhux ser jirnexxilu jaqsam u fil-fatt ittajjar mill-karozza. Ma jiftakarx semax hoss ta' brakes. Jidhirlu li t-tifel hareg minn bejn il-pjanti fuq il-bankina mhux bejn il-karozzi. Hu ma rax l-impatt izda ra t-tifel itir u spicca mal-lemin tal-vettura li laqtitu. M’hemmx procedura li jzommu jdejn it-tifel apparti li Wayne kellu xi 14-il sena u ta’ korporatura kbira. Ma jafx Wayne laqatx xi vetturi ohra ghax ma setax jara bil-vettura li laqtitu. Qabel ma beda johrog wahdu mat-tifel, kien johrog bih

ma’ missieru ghax safejn jaf it-tifel ma kienx jircevi servizz ta’ *support worker* qablu. Meta kienu johorgu missieru kien ihallih jimxi sew quddiemhom. Hu pero qatt ma ghamilha u dejjem zammu magenbu. Kien hemm okkazjoni precedenti f’harga ohra fejn it-tifel kien jilghab bil-ballun u harablu u pprova jmur warajh pero ma hallihx u t-tifel obda. Kmand kien jobdih pero gieli kien jinki u ma jobdix. L-*autism* ta’ Wayne, fl-opinjoni tax-xhud, kienet tidher severa. Kien jifhem kollox. Il-problema kienet l-imgieba.

Fil-kontro ezami qal li kien ilu *profession support worker* mill-2004. Lil Wayne kien johorgu jimxi jew imorru l-pool biex jithallat fil-komunita. Hu mar ukoll ghand Dr Farough Hessabi, psikologu biex jithejja program ghall-klijent. Missier Wayne gie maghhom fl-ewwel zewg okkazjonijiet biss meta hargu u mbaghad bdew johorgu wahedhom. Missier Wayne gie mieghu biex it-tifel jidra max-xhud. Qabel l-incident ghamel xi tmien xhur johrog lit-tifel. Gieli kien imqareb bhal meta Wayne pprova jiftah il-bieba tal-karozza waqt li qed isuqu. Hi n-natura ta’ din id-dizabilta` li jikkrejaw dawn il-problemi pero komparat ma' persuni ohra bhalu kien pjuttost *'well behaved'.* Meta f’okkazjoni ohra Wayne kien harablu l-ballun kien obda li ma jmurx jigri warajh u ma kienx informa lill-genituri b'dak li gara. Safejn jiftakar kien l-ewwel *support worker* ta’ Wayne.

Rigward l-incident qal li l-*planters* fuq il-bankina mhux gholjin u Wayne fih zewg metri.

Marcel Pisani, Chief Operations Officer mal-Agenzija Support, xehed li f’dan il-kaz bhal kazijiet ohra sar *assessment* minn *social worker* tal-agenzija rigward Wayne u fejn ikun hemm *referral* li l-persuna timmerita servizz jittella quddiem kumitat semi indipendenti mill-agenzija biex tittiehed decizjoni finali. Jekk jigi deciz li jinghata s-servizz isir *assessment* tal-persuna minn ufficjal

professjonali li jistabilixxi l-bzonnijiet u kif ser jigi attwat is-servizz. Ma jsirx *medical assessment* izda *needs assessment* biss.

Billi Wayne jbati minn *autism* u ghalhekk problemi ta' kommunikazzjoni, f'hinijiet specifici kienu jghinu lilu u l-familja jindirizzaw il-bzonnijiet tieghu. Fi zmien l-incident Wayne kellu professional support worker li qed jassessja u jindirizza l-programm tal-individwu. Ma jiftkarx jekk Paul Pace kienx involut minhabba n-nuqqas ta' *support workers* jew id-diffikulta tal-pazjent. Ma kellhomx rapporti li Wayne ma kienx jobdi ghalkemm ma tistax tanticipa r-reazzjoni ta' persuna li tbati b'*autism.* Wayne baqa' jiehu *support* u anki hareg wara l-incident. Il-genituri tieghu jikkolaboraw mal-agenzija u huma esigenti fil-kura u interess ta' binhom. Mhix regola li l-genituri jridu jkunu prezenti waqt li l-wild ikun qed jinghata *support.*

Fil-kontro ezami qal li d-diffikulta` l-kbira fi tfal bil-problema ta' Wayne hi li tirbah il-fiducja taghhom. Darba li taghmilha ma jkollokx problemi. Dwar Wayne ma kellhomx suspetti li kienu jinnecessitaw xi *restraints* fuqu.

Missier Wayne, Joseph Falzon xehed illi ibnu kien *autistic* u kien taht il-kura ta' psikjatra kemm privat kif ukoll l-Isptar. Qabel l-agenzija Support it-tifel kien imur l-Eden. Il-programm ta' Wayne sar mis-Support mal-psikologu u psikjatra. Il-programm ta' Wayne li kien jinvolvi hrug beda xi ghaxar xhur qabel Paul Pace fejn kien segwit minn Charles Gravina u *social worker* iehor li kienu johorguh passiggata u jdahhluh hanut u jhallas hu. Qatt ma sar xi lment mieghu jew martu dwar il-komportament ta' Wayne. Hu kien prezenti l-ewwel darbtejn li t-tifel kien johrog mal-*care worker* pero t-tifel ingwalha mill-ewwel ma' Paul Pace. Anki wara l-incident Paul Pace baqa' jara lil Wayne u mbaghad gie sostitwit minn *care worker*

iehor. It-tifel kien imur tajjeb u jipprogredixxi ma' Paul Pace.

**Konsiderazzjonijiet**

L-arbitru jinnota illi din l-azzjoni mhix wahda diretta kontra l-konjugi Falzon personalment taht l-artikolu 1034 tal-Kodici Civili izda qed issir kontra l-genituri konjugi Falzon in rapprezentanza ta' binhom minuri. L-effett guridiku fiz-zewg istanzi hu kompletament differenti.

Ghalkemm saret xiehda kopjuza u anki noti ta' referenzi dwar ir-responsabilta` tal-genituri taht l-artikolu 1034 tal-Kodici Civili, cioe` illi *"kull min ghandu l-hsieb tal-minuri hu obbligat jaghmel tajjeb ghall-hsara maghmula mill-minuri meta hu ma jkunx ha hsieb ta' missier tajjeb tal-familja biex il-fatt ma jigrix",* dan l-arbitragg mhux qed isir kontra l-genituri f'din il-vesti. Biex l-azzjoni taht dan l-artikolu tirnexxi, essendo azzjoni diretta kontra l-genituri, trid per forza ssir kontra l-genituri personalment, qua genituri u kwindi responsabbli ghal danni allegatament kommessi mill-istess minuri. Invece, f'dan l-arbitragg l-azzjoni qed titmexxa kontra l-genituri fil-kwalita taghhom rapprezentativa tal-minuri. Kif qalet il-Qorti fil-kawza **John Formosa noe vs Francis Borg noe,** (PA 24/6/93):

*"L-azzjoni kontra l-minorenni (meta din tirrikorri) minhabba responsabilta` diretta tieghu (fil-kaz ta' tifel bejn id-disa' u erbatax-il sena jekk ikun pruvat li agixxa b'hazen) ma jtellifx lill-persuna danneggjata d-dritt li tezercita l-azzjoni kontra min ghandu hsieb tal-minorenni minhabba r-responsabilta` diretta tieghu".*

Fil-kaz in ezami pero r-rikorrenti qed jagixxu biss kontra l-minuri kif rapprezentat mill-genituri u giet skartata l-azzjoni diretta kontra l-genituri in bazi

tar-responsabilta` indiretta tieghu li temani minn nuqqas ta` diligenza (Vol. XXXIX, P.I. pg 799).

Dak li jrid jigi deciz allura f'dan l-arbitragg hi r-responsabilta` ta' Wayne Falzon li fi zmien l-incident kellu sittax-il sena u llum hu maggorenni. Deher car mill-provi prodotti illi l-incident sehh ghax Wayne Falzon zgicca mill-attenzjoni u kura temporanja li kellu Paul Pace fuq l-istess Wayne Falzon u bla ma waqaf jew ta' attenzjoni, qabad u qasam ghan-nofs it-triq minn bejn karozzi pparkjati ghal fuq il-vettura ta' Maria Dolores Caruana li fil-hin tal-incident kienet qed issuq b'mod prudenti fit-triq. Wayne Falzon qasam meta Maria Dolores Caruana kienet gia vicin ta' Wayne Falzon u ghalhekk ma rnexxiliex tevita l-incident ghalkemm zammet brake qasir. Kagun ta' dan il-tamponament, Wayne Falzon intefa' fuq il-vettura tar-rikorrenti Camilleri bil-hsara konsegwenti. Kif gia ntqal l-incident sehh bla ebda htija anqas kontributorja da parti tal-intimata Caruana. Il-htija tispetta lil Wayne Falzon bl-agir negligenti tieghu fil-mod kif qasam it-triq.

L-artikolu 1035 jippostula illi tfal imgienen *(of unsound mind)* mhumiex obbligati ghall-hlas tal-hsarat maghmulin minnhom, salv l-azzjoni tad-danneggjat kontra dawk li huma obbligati ghal dawk. Wayne Falzon hu *'autistic'* u dan gie stabbilit mill-provi li dwarhom ma saret ebda kontestazzjoni u anki mir-rapporti esibiti mill-intimat Joseph Falzon. Din il-kondizzjoni li minnha jbati Wayne hi wahda psikjatrika definita bhala *'abnormal self absorption, characterized by lack of response to people and actions and limited ability to communicate'.* Pero biex Wayne jigi liberat mir-responsabilta` ghall-incident irid jigi ppruvat li kien *of unsound mind* li hu l-uniku difiza li l-ligi tippermetti f'kazijiet simili taht l-artikolu 1035. Din il-prova kellha ssir mill-intimati konjugi Falzon li f'dan il-kaz qed jidhru f'vestai rapprezentattiva. Ghalkemm gie dikjarat mis-*support worker* Paul

Pace li kienet l-opinjoni tieghu li Wayne Falzon kellu forma severa ta' *autism,* din hi biss opinjoni mhux esperta u mhux bizzejjed sabiex l-arbitru jqabbel din il-kondizzjoni ma' dik ta' persuna *'of unsound mind'.* Ghalhekk, minghajr prova li Wayne Falzon ma kienx jaf x'inhu jaghmel jew il-prova li hu ma kellux il-kontroll tal-fakoltajiet psikici necessarji li jifhem dak li kien qed jaghmel, ergo mhux responsabbli ghall-azzjonijiet tieghu, l-arbitru jsib li Wayne Falzon, illum proprio billi maggorenni, hu responsabbli ghall-incident in kwistjoni.

**<u>Danni</u>**

Ir-rikorrenti esibew ir-ricevuti tal-hlasijiet tal-hsara u excess f'Dok RC1 ammontanti ghal €672.07 (Lm288.52) ghalkemm it-talba hi ghal €654.60 (Lm281.02). Id-danni mitluba jirrizultaw gustifikati.

Ghalhekk l-arbitru jiddeciedi billi jsib lil Wayne Falzon illum maggorenni, responsabbli ghall-incident in kwistjoni u konsegwenti d-danni sofferti fil-vettura tar-rikorrenti Maria Dolores Caruana u jikkundannah ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' €654.60 (Lm281.02) in linea ta' danni, bl-ispejjes kollha tal-arbitragg u bl-imghax mill-14 ta' Mejju 2007.**"**

L-obbjezzjoni ta' Wayne Falzon fil-kontestazzjoni ta' dan il-lodo hu fis-sens illi l-Arbitru ma kienx legalment korrett meta ddikjara illi, minkejja li kien stabbilit li hu kien "*autistic*", kellu jigi provat minnu jew mill-genituri tieghu li kienu jirrapprezentawh illi hu kien "*of unsound mind*" u illi "ma kellux il-kontroll tal-fakoltajiet psikici necessarji li jifhem dak li kien qed jaghmel". Ghall-appellanti, il-provi kellhom isostnu illi hu verament ma kellux dak il-kontroll li jifhem dak li kien qed jaghmel;

Fir-risposta tieghu fl-Arbitragg l-appellanti ddefenda ruhu billi attribwixxa t-tort ghall-incident fuq is-sewwieqa Dolores Caruana u imputalha negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku. Din il-Qorti mhix behsiebha tirreplika l-fatti li taw lok ghall-incident ghaliex dawn huma sew imtennija fil-lodo, tant ghaliex il-punt kollu devolut bl-appell ma jirrigwardax dawk l-istess fatti izda jekk, accertati u ammessi dawk l-istess fatti, l-appellanti kellux ikun skansat xorta wahda minn kull htija in vista tal-kundizzjoni awtistika tieghu;

Bla dubju, ir-responsabilita` ta' min jikkaguna hsara lil haddiehor ghandha l-gheruq taghha f'att ta' negligenza jew f'ommissjoni. Jista' jigri pero` illi f'certi qaghdiet l-awtur tad-dannu, ghalkemm responsabbli ghal xi att bhal dak, ma jkunx lanqas obbligat ghar-rizarciment tad-danni kawzati minnu. Ta' tali speci huma l-atti kommessi minn imgienen, it-tfal ta' taht l-eta` ta' disa' snin, u meta ma jigix ipprovat li mxew bil-hazen, it-tfal ukoll li ma jkunux ghalqu l-eta` ta' erbatax-il sena. Dan kif hekk ipprospettat fl-Artikolu 1035 tal-Kodici Civili;

Incidentalment, l-Arbitru jitlaq mill-punt tad-diversita bejn dan l-ahhar imsemmi artikolu (1035) u dak l-iehor li jipprecedih fl-Artikolu 1034. Hekk l-azzjoni kkontemplata f'dan l-ahhar provvediment hi dik maghrufa bhala "*la responsabilita` civile indiretta che ha il suo fondamento nella 'culpa in vigilando' di coloro che hanno la cura del minore* (jew tal-mignun); *l'altra è la responsabilita` civile diretta che trova il suo fondamento nell'obbligazione di risarcire il danno cagionato con un fatto imputabile a chi ne sia l'autore*", anke jekk ukoll f'kaz bhal dan "*non toglie di potere esercitare l'azione in base alla responsabilita` indiretta, se concorrono gli estremi per l'esercizio di tale azione*". Ara "**William James Davies -vs- John Mc Hallam**", Prim' Awla, Qorti Civili, 20 ta' April, 1925. Huma wkoll fl-istess sens id-decizjonijiet fl-ismijiet "**Carmela Baldacchino -vs- Emmanuele Calleja**", Prim' Awla, Qorti Civili, 4 ta' Marzu, 1948; "**Salvatore Debono -vs- Antonio Camilleri**", Prim' Awla, Qorti Civili, 25 ta' Gunju,

1953; u "**Joseph Zammit -vs- Joseph Cutajar *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 19 ta' Jannar, 1956, fost bosta ohrajn;

Fil-kaz in disamina l-Arbitru sewwa identifika illi x-xorta ta' azzjoni istitwita hi dik ghar-responsabilita` diretta tal-minuri, kif rapprezentat mill-genituri tieghu, u mhux ukoll dik indiretta kontra l-genituri, *qua* sorveljanti tieghu. Dan il-punt ma jidherx li hu kontrastat;

Dan premess, jibda biex jigi osservat illi l-Artikolu 1035 Kodici Civili ma jenuncja ebda kriterju in bazi ghal liema l-accertament relattiv ta' l-inkapacita` ghandu jsir. Isegwi illi hu lill-gudikant adit mill-mertu tal-kaz lilu affidat il-kompitu li jistabilixxa dan skond il-kompetenza u l-esperjenza komuni, u, wisq logikament, in-nozzjonijiet maghrufa tax-xjenza. Ragonevolment, l-istat ta' l-inkapacita` jrid jigi verifikat kaz b'kaz, anke permezz ta' certi presunzjonijiet kif jinzlu mil-ligi u dawk ta' l-elementi indizzjarji suggerita mill-provi. Anke hawn pero` ma jonqsux certi gwidi gurisprudenzjali f'tema ta' danni kagjonati minn persuni inkapaci. Hekk, ad ezempju, il-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana irriteniet illi "*il giudice non puo` limitarsi a tener presente l'eta` dell'autore del fatto ma deve anche considerare lo sviluppo intellettivo, quello fisico, l'assenza di eventuali malattie ritardanti, la forza del carattere, la capacita` del minore di rendersi conto dell'illiceita della sua azione e la capacita` del volere con riferimento all'attitudine di autodeterminarsi*" (**Cass. 26 ta' Gunju, 2001, Numru 8740; Cass. 28 ta' April, 1975, Numru 1642**);

Hekk ukoll il-Prim' Awla tal-Qorti Civili taghna, filwaqt li enuncjat il-principju generali illi, "huwa inkapaci ta' delitt jew kwazi-delitt dawk biss li ma ghandhomx l-uzu tar-raguni u dawk li jkunu tilfuha, bhal ma huma t-tfal impuberi u l-imgienen, ghaliex dawn la huma kapaci ta' malizzja u lanqas ta' imprudenza", issoktat tirrileva b'kawtela illi, b'danakollu, anke "l-interdett jista' jkollu mumenti ta' intervalli lucidi u f'dak il-mument ikun kapaci ta' malizzja u

ta' imprudenza". Ara "**Air Vice Marshall Ronald Steele *nomine* -vs- Prof. Joseph H. Xuereb *et nomine***", 24 ta' Gunju, 1950;

Affermat il-premess, issa fil-kaz taht konsiderazzjoni, forsi l-elementi ta' provi l-izjed saljenti huma dawn li jsegwu:-

1. "L-autism ta' Wayne tidher severa. Jifhem kollox. Il-problema tinsab fl-imgieba. Kmand kien jifhmu pero` gieli kellu burdata li jinki u ma jobdix". Ara deposizzjoni ta' Paul Pace, Professional Support Worker, u li fil-mument ta' l-okkorrenza ta' l-incident il-minuri kien taht is-supervizjoni tieghu;

2. "Ovvjament wiehed irid japprezza li persuna li tbati b'*autism* mhux dejjem tista' tanticipa r-reazzjoni taghha". Ara xhieda ta' Marcel Pisani, Chief Operations Officer, Agenzija Support;

Il-mistoqsija li evidentement tinsorgi minn dawn l-ispunti tax-xhieda hi dik jekk il-kundizzjoni ta' l-appellanti, u li fil-mument ta' l-incident kellu sittax-il sena, kienetx tali li b'konsegwenza taghha hu seta' jitqies li kien inkapaci fit-termini ta' l-Artikolu 1035 tal-Kapitolu 16;

Hi s-sottomissjoni ta' l-appellanti, kif din tinzel mill-korp tar-rikors ta' l-appell tieghu, illi l-kondizzjoni awtistika tieghu kienet ta' indoli mentali li ma tippermettilux jaghmel ghazliet razzjonali u ragonevoli, u tali twassal biex il-komportament tieghu, f'dak li huwa nuqqas ta' rikonoxximent tal-perikolu u ta' certi regoli socjali bazici, jkunu ta' perikolu ghalih u anke ghall-ohrajn. Huwa allura jikkontendi illi, gjaladarba l-Arbitru gharaf l-ezistenza ta' dik il-qaghda tieghu, ma kellux fl-istess waqt jiddeciedi illi ma giex ipprovat illi hu ma kellux il-kontroll tal-fakoltajiet psikici necessarji li jifhem dak li kien qed jaghmel. Fi ftit kliem l-appellanti jippretendi illi dik il-kondizzjoni tieghu kellha, ghal skop ta' skagonar minn htija, tassumi riljev partikolari fic-cirkostanzi tal-kaz. Id-domanda li tqum minn

din il-proposizzjoni hi din.  Ghandu dan ifisser illi dawk il-pekuljaritajiet psikici ta’ l-appellanti jservu bhala prova liberatorja mir-riskju sostanzjali u processwali li jwiegeb ghad-danni minnu kagjonati?  Din il-Qorti tazzarda tipproponi bi twegiba illi, certament biex ikun hekk il-kaz, irid jirrizulta li si tratta ta’ persuna li tbati minn kondizzjoni fi grad u intensita` tali li ggiblu mankanza assoluta ta’ kapacita` li jevalwa l-importanza ta’ l-att li jkun wettaq;

Il-Qorti tifhem illi persuna awtistika ghandha bzonnijiet specjali.  Tapprezza wkoll illi jista’ jkollha certa insufficjenza psikika, x’aktarx fuq il-livell tal-komunikazzjoni u inter-relazzjoni socjali.  Ghandu dan pero`, fuq il-bazi ta’ l-apprezzament guridiku, jaspira ruhu ghal dak l-istat ta’ infermita` mentali dwar liema jippreskrivi l-Artikolu 1035 tal-Kodici Civili taht l-espressjoni “l-imgienen”?

Fil-hsieb ponderat ta’ din il-Qorti persuna fil-kundizzjoni ta’ l-appellanti mhux bilfors ikollu dik l-insufficjenza ta’ kapacita` f’rapport ma’ kull xorta ta’ att, izda f’relazzjoni ma’ certu tip ta’ komportament specifiku.  Jista’ allura ma jkunx imputabbli ghal certi atti izda responsabbli ghall-atti ohrajn.  Kollox hu mholli ghall-apprezzament valutattiv ta’ certa imgieba u ta’ certi burdati, kif mix-xhud Pace spjegat.  Fiz-zgur, l-appellanti ma jistax jigi kwalifikat “minghajr raguni”, ghaliex ukoll, dejjem skond l-imsemmi xhud, l-appellanti “jifhem kollox”.  Ghall-Qorti din il-kapacita intellettwali hi identifikata f’dak il-minimu ta’ l-attitudni psikika li tingenera kuxjenza anke ta’ l-att li jkun qed jitwettaq u almenu ta’ certa valutazzjoni tal-konsegwenzi tieghu.  Mhux allura eskluz illi anke ghall-persuna awtistika, ghalkemm affetta minn dik il-kondizzjoni, kapaci taghraf u tifhem il-konsegwenzi tal-ghazliet li taghmel, ukoll jekk b’inkejja jew sempliciment b’sinjal ta’ dizubbidjenza.  U la dan huwa hekk, difficli li wiehed jikkazella b’mod generalizzat kull att kommess minnu ghal dak ta’ mignun, fis-sens intiz mil-ligi;

Konsiderata s-sitwazzjoni taht dawn il-profili ta' hsieb, specjalment meta mqeghda u mwiezna fil-parametri tac-cirkostanzi maghrufa, qajla tidher gustifikata c-censura li l-appellanti jattribwixxi lil-lodo ta' l-Arbitru.  Jekk, imbaghad, ma' dan jigi konsiderat l-fatt illi l-gudizzju ta' l-Arbitru fuq il-kapacita intellettwali ta' l-appellanti jirrizolvi ruhu, fl-ahhar mill-ahhar, f'mera valutazzoni ta' fatt, l-istess ma kellux strettament jattira s-sindikabilita` ta' din il-Qorti, trattasi li skond il-ligi specjali taht l-Att ta' l-Arbitragg (Kapitolu 387) id-dritt ta' appell lil din il-Qorti kellu jkun, ex-Artikolu 70A, ristrett ghall-"punt ta' ligi li jitnissel minn decizjoni finali".

Ghal dawn il-motivi kollha suesposti din il-Qorti qeghda tirrespingi l-appell u tikkonferma l-lodo ta' l-Arbitru fl-intier tieghu, bl-ispejjez jibqghu sopportabbli mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------